bl-ghonnella fuq rashom, jghidu r-ruzarju ghall-bzonnijiet tal-marid. Kienet haga, li lili, avolja tifel, laqtitni, meta waqt il-vjatku kont nara l-gabra u l-qima ta' kulhadd, specjalment tal-kbar. Minn kull fejn kien jghaddi l-vjatku kont tara l-irgiel inehhu l-beritta, il-pulizzija jieqaf dritt, isellem b'idejh mal-pizz tal-beritta ta' l-uniformi tieghu, tal-hwienet ibexxqu l-bieb, u sahansitra dawk tac-cinema ki enu jnehhu l-posters. Kull min kien jiflah, kien jinzel ghar-rkubtejh, u xhin jasal is-Sagrament irodd is-salib, u jghid x i haga f'qalbu. Meta l-vjatku kien jinzerta filghaxija wara' l-hin tax-xoghol, kont tara aktar irgiel; hafna minn-nisa, dak iz-zmien, kienu jsibuha bi tqila johorgu fid-dlam. hafna minnhom kienu jippreferu johorgu fuq il-ghatba tal-bieb ghar-rkubtejhom, bil-lampi tal-pitrolju f'idejhom biex idawlu t-triq,(u gie li xi tifel jonfhilhom fit-tubu biex jitfi xi lampa bhala cajta!)

X'hin il-vjatku jasal fid-dar tal-moribond, is-sacerdot, flimkien ma' zewg abbatini u zewg fratelli bil-fanali f'idejhom kienu jibqghu dehlin gew, u l-ohrajn jibqghu weqfin barra. Is-sacerdot, meta kien jasal ma genb il-marid, kien jistaqsieh kienx irid jiskorri jew jiehu l-assoluzzjoni. Bosta Maltin kien ikollhom merfuh ghal-din l-okkazjoni, dak kollu li kien ikun mehti eg f'kaz ta' vjatku, jigifieri mejda zghira bi tvalja bajda,nadifa, salib ckejken, par kandlieri bix-xemgha, u tazza bl-ilma, biex is-sacerdot, wara' li jqarben lill-marid, ikun jista' jlahlah idejh. Hafna kienu jerfghu ix-xemgha tal-kandlora ghal xi okkazjoni bhal din. Waqt li is-sacerdot ikun qed iqarben lill-marid, in-nies ta' god-dar jghidu il-litanija t-twila tal-qaddisin, jew dik tal-Madonna. Fil-litanija, minflok "Ora pro nobis" kienu jghidu "Ora pro eo" jekk ikun ragel, u "Ora pro ea" jekk tkun mara. Xi drabi, jekk il-marid ikun gravi hafn a, is-sac erdot, wara' li jqarbnu kien jghamillu l-grizma tal-morda. Wara dan kien jibqa' ftit iehor mal-marid biex isabbru u jinkoraggih. X'hin jispicca kollox, il-purcissjoni terga lura lejn il-parrocca, filwaqt li it-tifel jerga jibda jdoqq il-qanpiena, filwaqt li is-sacerdot jintona it-Te Deum bil-latin fi trieqtu lura lejn il-parrocca, u meta jaslu l-knisja jaghti il-barka Sagramentlai, u wara' jghid Pater, Ave u Glorja ghall-bzonnijiet tal-moribond.

---

<u>KORREZZJONI</u> F'pagna 11 ta' din il-harga ta' L-Imnara, fl-artiklu "Drawwiet imnissla mir-Religjon" ta' Rafel Bonnici Cali, fill-vers sitta, 'Dun Karm' ghandha tinkiteb 'Dun Alfred'. L-izball inkixef wara' li din il-faccata kienet ga stampata. Editur.

---